# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1422/2007

## ta' l-4 ta' Diċembru 2007

## li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta' applikazzjonijiet għall-proċeduri ta' l-għoti tal-kuntratti

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 69 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 78 tagħha,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet milħuqa fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) [3], il-Kunsill ikkonkluda l-Ftehim dwar il-Kuntratti Pubbliċi (minn issa 'l quddiem 'il-Ftehim'). Il-Ftehim għandu jkun applikat għal kwalunkwe kuntratt ta' xiri b'valur li jilħaq jew li jaqbeż l-ammonti (minn issa 'l quddiem "il-limiti") stipulati fil-Ftehim u espressi bħala drittijiet speċjali ta' prelevament.

(2) Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva 2004/17/KE u 2004/18/KE huwa li l-entitajiet kontraenti u l-awtoritajiet kontraenti li japplikaw dawk id-Direttivi, fl-istess ħin ikunu jistgħu jikkonformaw ma' l-obbligi li jinsabu fil-Ftehim. Biex jinkiseb dan, il-limiti li jinsabu f'dawk id-Direttivi għall-kuntratti pubbliċi, li huma koperti wkoll mill-Ftehim, għandhom jiġu allinjati sabiex jiġi assigurat li jikkorrispondu ma' l-ekwivalenti f'Ewro, mqarrba għall-eqreb elf, tal-limiti stipulati fil-Ftehim.

(3) Għal raġunijiet ta' koerenza, huwa xieraq li dawn il-limiti jkunu allinjati wkoll fid-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE li ma humiex koperti mill-Ftehim.

(4) Id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/1268/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2004/17/KE hija emendata hekk:

(1) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) f'punt (a) l-ammont "EUR 422 000" jinbidel b'"EUR 412 000";

(b) f'punt (b) l-ammont "EUR 5 278 000" jinbidel b'"EUR 5 150 000".

(2) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ammont "EUR 422 000" jinbidel b'"EUR 412 000";

(b) fil-paragrafu 2, l-ammont "EUR 422 000" jinbidel b'"EUR 412 000".

---

(1) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/97/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 107).
(2) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/97/KE.
(3) ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 2004/18/KE hija emendata hekk:

(1) L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) f'punt (a) l-ammont "EUR 137 000" jinbidel b'"EUR 133 000";

(b) f'punt (b) l-ammont "EUR 211 000" jinbidel b'"EUR 206 000";

(c) f'punt (c) l-ammont "EUR 5 278 000" jinbidel b'"EUR 5 150 000".

(2) L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) f'punt (a) l-ammont "EUR 5 278 000" jinbidel b'"EUR 5 150 000";

(b) f'punt (b) l-ammont "EUR 211 000" jinbidel b'"EUR 206 000".

(3) Fl-Artikolu 56, l-ammont "EUR 5 278 000" jinbidel b'"EUR 5 150 000".

(4) Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 63(1), l-ammont "EUR 5 278 000" jinbidel b'"EUR 5 150 000".

(5) L-Artikolu 67(1) huwa emendat kif ġej:

(a) f'punt (a) l-ammont "EUR 137 000" jinbidel b'"EUR 133 000";

(b) f'punt (b) l-ammont "EUR 211 000" jinbidel b'"EUR 206 000";

(c) f'punt (c), l-ammont "EUR 211 000" jinbidel b'"EUR 206 000".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Charlie McCREEVY
*Membru tal-Kummissjoni*